MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 64/2009

**Michael Attard Limited (C 32362)**

**Vs**

**Philip Muscat (ID 472100L)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' €4,598.41 (erbat elef hames mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u erbghin centezmu) rapprezentanti import ta' wiehed u ghoxrin (21) kambjala skaduta, accettata u ffirmata mill-intimat.

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess

ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-4 ta' Novembru 2009 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li rat in-nota tas-socjeta' attrici a fol 22 tal-atti u li biha ddikjarat li l-konvenut bejn id-dati hemm msemmija kien hallas l-ammont ta' €1380 u b'hekk fadal bilanc dovut minnu ammontanti ghal €3218.41.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma kif ridotta ta' €3218.41 bl-imghax legali mit-23 ta' Frar 2009 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l–ispejjes ta' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------